**Magistrat**
**Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sylvana Agius**
**V**

**MICHAEL CAMILLERI**
**HERMAN MCKAY**

**Illum 18 ta' Frar, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MICHAEL CAMILLERI** ta' sittax il-sena bin George u Rita nee Bonello, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' April, 1983 u residenti 'Golden Vale', Triq Guze Galea, Qormi u **HERMAN MCKAY** ta' hmistax il-sena bin Martin u Maria Dolores nee Mifsud, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru, 1983 u residenti 'Mardor House', Tal-Armal Lane, Valletta Road, Qormi, gew mressqa quddiemha akkuzati talli fit-tnejn ta' Awissu, 1999 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghaxija waqt li kienu f'Tal Handaq, limiti ta' Hal Qormi, kkommettew serq ta' harness li l-valur tieghu

jammonta ghal inqas minn mitt lira maltin liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin ghad-dannu tas-sid Joseph Laus minn Hal Qormi.

Talli fit-tmienja ta' Lulju, 1999 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija waqt li kienu fil-parkegg tal-korsa tal-Marsa (fi Triq l-Iljun, faccata tal-fabbrika tal-Lowenbrau) kkommettew serq ta' stereo tal-ghamla JVC minn go vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni KBC 531 tal-ghamla Pajero li l-valur tieghu jeccedi l-mitt lira izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xort'ohra tal-haga misruqa ghad-dannu tas-sid Tarcisio Cassar minn Hal Qormi.

Talli **HERMAN MCKAY wahdu** akkuzat talli fit-tmienja ta' Lulju, 1999 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-parkegg tal-korsa tal-Marsa kkommetta hsara voluntarja jew gharraq hwejjeg haddiehor billi kisser il-hgiega tal-lemin ta' wara fuq vettura tal-ghamla Pajero bin-numru ta' registrazzjoni KBC 531 li l-valur taghha jeccedi l-hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira ghad-dannu tas-sid Tarcisio Cassar minn Hal Qormi.

Talli fit-tmienja ta' Lulju, u fix-xhur ta' wara **MICAHEL CAMILLERI u HERMAN MCKAY flimkien** xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghawhom jew jmexxuhom.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Dicembru, 1999 esibit fl-atti a fol 16 bhala dokument CSH.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 261, 263, 267, 278, 279, 280, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidarat:

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet bhala prova diversi xhieda fosthom lil **Ispettur Sylvana Agius bil-gurament taghha nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar, 2000** fejn stqarret li z-zewg imputati rrilaxxjaw stqarrija li tinsab esibita a fol 17 et seq tal-atti markati bhala SA 2 u SA 3 wara li nghataw s-solita twissija.

Minn ezami ta' dawn iz-zewg stqarrijiet jirrizulta li z-zewg imputati ammettew il-partecipazzjoni taghhom fis-serq.

**Michael Camilleri jaghti zewg versjonijet tal-fatti** rigward is-serq tal-istereo mill-Pajero ghaliex filwaqt li fl-istatement jammetti li huwa qaghd ghassa sakemm l-ko-akkuzat Herman Mckay mar jisirqu, viva voce l-Qorti jghid li mhux minnu li seraq l-istereo izda rrilaxxja l-istqarrija f'dan is-sens ghaliex bezgha minn sid l-istereo certu Tarcisio Cassar.

Michael Camilleri jghid li ftit qabel ma rrilaxxja l-istqarrija fit-tlieta ta' Awissu, 2001 huwa kien gie msawwat minn Tarcisio Cassar. L-imputat Michael Camilleri pero ma ressaq l-ebda prova cirkostanzjali dwar dan bhal xi certifikat mediku jew xi xhud okular li

ra dan l-incident ghalkemm huwa jghid fix-xhieda tieghu a fol 86 li meta Tarcisio Cassar qabad jaghtih kien fil-kumpanija ta' haddiehor. Haga tal-iskantament pero li meta dan Tarcisio Cassar ta x-xhieda tieghu f'zewg okkazzjonijiet huwa ma gie mistoqsi xejn mill-Avukat Difensur dwar dan l-allegat incident ta' swat.

**Herman Mckay mill-banda l-ohra, jghid fl-istqarrija tieghu rilaxxjata nhar t-tlieta ta' Awissu, 1999** esibita fl-atti a fol 20 bhala dokument SA 3 li huwa seraq il-*harness* minn range f'Tal-Handaq, waqt li kien fil-kumpanija tal-ko-akkuzat l-iehor Michael Camilleri, poggih go xkora u telaq jigri 'l hemm. Huwa jikkonferma din x-xhieda tieghu viva voce l-Qorti nhar d-dsatax ta' Lulju, 2001. Dwar s-serq tal-istereo pero l-imputat jichad li serqu hu izda kien lest li johrog mitt lira maltin sabiex Josef Bonnici ma jibqax jigri warajh. Qal wkoll li Tarcisio Cassar kien qed jwahhal fih, tant huwa hekk li tah daqqa ta' ponn waqt li kien l-Ghassa u beda jheddu fis-sens li jekk ma jammettix, kien lest li jaghtih daqqa kull darba li jarah. Herman Mckay stqarr li qala din d-daqqa ta' ponn quddiem il-Pulizija. Mistoqsi jekk ghamilx rapport fuq dan l-incident l-imputat wiegeb fin-negattiv. Qal wkoll li Tarcisio Cassar kien mar ghand missieru u

staqsih ghal flus. Illi ghalkemm l-imputat Herman Mckay ghamel dawn l-allegazzjonijiet ta' theddid u daqqa ta' ponn ma gab l-ebda prova sabiex jikkolobora t-tezi tieghu. Lanqas ma ressaq in difesa tieghu lil dawk l-Ufficjali tal-Pulizija li allegatament raw lil Tarcisio Cassar jaghti bil-ponn lil imputat Herman Mckay u lanqas ma ressaq lil missieru jikkonferma t-theddid li sar.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil certu **Paul Gauci** dwar r-reat ta' serq tal-istereo. Huwa qal li l-imputat Michael Camilleri staqsih jekk riedtx jixtri stereo. Paul Gauci jkompli jghid li meta qallu biex igiblu l-istereo l-ghada, l-ghada iltaqa maghhom u l-imputati qalulu li kienu lesti jaghtuh s-somma ta' mitejn u tmenin lira peress li kienu diga ddisponew minnu.

**Josef Cassar**, bin Tarcisio, **xehed** u qal li meta avvicina lil imputati ghall-istereo, qalulu li kienu lesti li jaghtuh somma flus biex ma jinsistix li jitressqu l-Qorti. Filwaqt li Michael Camilleri qallu li l-istereo kien ghand Herman Mckay, Herman Mckay qallu li kien iddispona minnu pero kien lest li jaghtih s-somma ta' mitejn u tmenin lira f'loku.

Illi d-Difiza naqset li taghmel kontro-ezami lil dan x-xhud u tikkoknfermha b'xhieda ohra.

**Il-Qorti semghet lil Tarcisio Cassar jixhed** u jghid lil huwa kien xtara l-istereo ghas-somma ta' mitejn u tmenin lira maltin nhar l-ghaxra ta' Dicembru,1998, kif jirrizulta mid-dokument SB esibit fl-atti a fol 78.

Illi dwar t-tielet akkuza, **jirrizulta mix-xhieda ta' Doris Raggio rappresentant tal-Middle Sea Insurance** li l-hsarat involuti fuq il-vettura Pajero Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni KBC 531 jammontaw ghal erbgha mija u hamsa w ghoxrin lira maltin kif jirrizulta mis-*survey report* esibit fl-atti a fol 49 markat bhala dokument CSH. Minn ezami ta' dan d-dokument jirrizulta li dawn il-hsarat gew kagjonati sabiex ittiehed l-istereo.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuzi taghha.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputati esibiti a fol 12 u 13 tal-atti u jirrizulta li dik ta' Michael Camilleri hija nadifa u minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha, filwaqt li dik ta' Herman Mckay ghandha reat ta' serq ta' kelb li l-valur tieghu ma jeccedix l-ghoxrin lira maltin.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tittratta mal-imputati bhala *first time offenders*.

Fic-cirkostanzi l-Qorti rat wkoll l-eta zghira tal-imputati fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat reati.

Minhabba fis-suespost il-Qorti ma thossx li ghandha tinfliggi piena karcerarja u dan peress li tali piena tista sservi aktar ta' deterrent milli ta' gid ghalihom. Piena ta' prigunerija mhux ser sservi l-ebda skop u ma hix fl-interess tal-imputati u wisq inqas tas-socjeta in generali li taghhom huma membri.

**Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti qed tpoggi lil imputati taht ordni ta' supervizzjoni tal-Probation Officer Michelle**

**Sultana ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-imputati probationers ghandhom jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-istess Probation Officer Michelle Sultana u f'kaz li jonqsu li jaderixxu ruhhom mad-direttivi moghtija lilhom il-Qorti tordna li tigi nfurmata b'dan minnufih.**

**Il-Probation Officer ghandha tressaq lil imputati l-Qorti kull sitt xhur sabiex tinforma lil istess Qorti bl-andament taghhom. Dan qed isir bl-isperanza u bit-tama li l-imputati probationers jibqghu fit-triq t-tajba.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lil Probation Officer Michelle Sultana.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**